

## OPINJONIJIET

## IL-KUMITAT TAR-REĠJUNI

INTERACTIO – MILL-BOGĦOD – IL-141 SESSJONI PLENARJA TAL-KTR, 8.12.2020–10.12.2020

Opinjoni tal-Kumitat Ewropew tar-Reġjuni — Lejn turiżmu aktar sostenibbli għall-bliet u r-reġjuni tal-UE

(2021/C 37/02)

**Relatur:** Manuel Alejandro CARDENETE FLORES (ES/RE), Viċi Ministru tat-Turiżmu, ir-Riġenerazzjoni, il-Ġustizzja u l-Amministrazzjoni Lokali tar-Reġjun tal-Andalusija

## RAKKOMANDEZZJONIJIET TA' POLITIKA

## IL-KUMITAT EWROPEW TAR-REĠJUNI

## Kummenti introduttorji

1. jenfazizza li **t-turiżmu huwa settur strateġiku**, għodda għall-integrazzjoni u mutur ewlieni għall-irkupru soċjoekonomiku. Jirrappreżenta iktar minn 10 % tal-prodott domestiku gross tal-UE u joħloq impjeg għal 26 miljun persuna kif ukoll jirrappreżenta 6 % tal-esportazzjonijiet totali tal-UE;
2. jenfazizza l-importanza tat-**trasport u l-mobilità bħala l-muftieħ għall-koeżjoni soċjali, ekonomika uterritorjali** tal-UE, u jenfazizza l-hteġa li jiġu adottati soluzzjonijiet ta' mobilità intelliġenti u sostenibbli, speċjalment f'dawk ir-reġjuni li l-iżvilupp ekonomiku tagħhom jinsab l-aktar kompromess minħabba li jiddependu b'mod esklużiv mit-trasport bl-ajru u bil-baħar;
3. jinnota li firxa wiesgħa ta' vjaġġaturi mil-lat soċjali u kulturali kif ukoll mil-lat ta' età u introjtu, tiftaħ opportunitajiet kummerċjali estensivi għal bosta intrapriżi, min-negozji multinazzjonali sal-mikrointrapriżi. L-ekosistema tat-turiżmu tinkludi setturi bħall-akkomodazzjoni, it-trasport, il-gastronomija, il-kultura, l-isport u d-divertiment, kif ukoll is-servizzi tal-operaturi tal-vjaġġi turistiċi. Tinkludi total ta' madwar 2,4 miljun kumpanija, b'aktar minn 90 % li huma SMEs;
4. jappoġġja r-rakkomandazzjonijiet u l-linji gwida tal-Organizzazzjoni Dinjija tat-Turiżmu (UNWTO), kif ukoll il-viżjoni One Planet għall-irkupru sostenibbli tat-turiżmu u l-promozzjoni tal-Aġenda 2030 tan-Nazzjonijiet Uniti għall-Għanijiet ta' Żvilupp Sostenibbli fl-oqsma tat-turiżmu u t-trasport;
5. japprova d-definizzjoni ta' **turiżmu sostenibbli** kif imfassla mill-UNWTO li tiddeskrivih bħala wieħed li jqis b'mod sħiħ l-impatt attwali u futur fuq l-ekonomija, is-soċjetà u l-ambjent biex jissodisfa l-bżonnijiet tal-viżitaturi, tal-industrija, tal-ambjent u tal-komunitajiet ospitanti;
6. jenfazizza li **l-kriżi kkawżata mis-SARS-CoV-2** biddlet ix-xenarju b'mod drammatiku, bi spiża inkomparabbli għall-ħajja u konsegwenzi ekonomiċi devastanti li affettwaw b'mod serju lill-Ewropa, u kkawżat telf personali, diffikultajiet finanzjarji serji u l-falliment ta' bosta kumpaniji, **speċjalment fis-setturi tat-turiżmu u tat-trasport**;
7. jirrikonoxxi li dawn id-diffikultajiet huma aggravati fil-każ tar-reġjuni ultraperiferiċi tal-UE, li jiddependu ħafna mis-settur tat-turiżmu, u li l-prospetti tagħhom għall-irkupru ekonomiku qed jixxekklu serjament minħabba d-dipendenza kważi esklużiva tagħhom mit-trasport bl-ajru u l-impossibbiltà li jintużaw modi oħra tat-trasport;
8. jenfazizza li hemm bżonn li jiġu promossi s-servizzi ta' turiżmu sostenibbli li jikkunsidraw il-wirt storiku u kulturali rikk tal-Ewropa kif ukoll il-wirt naturali uniku tagħha;

9. ifakkar fin-natura trasversali tat-turiżmu, kif uriet din il-kriżi, peress li tnaqqis fl-attività turistica jolqot mhux biss lil setturi bħal dak tal-akkomodazzjoni, ir-ristoranti jew it-trasport, iżda wkoll lil għadd ta' oqsma tal-ekonomija b'valur miżjud għoli;

10. jirrimarka li l-Ewropa għandha żżomm attitudni proattiva u ta' tmexxija f'din il-kriżi u oħrajn sussegwenti li jistgħu jseħħu, billi tiegħu l-miżuri meħtieġa fil-ħin biex **tevjta l-kollas** tas-settur tat-turiżmu;

11. jirrikonoxxi li l-kriżi attwali tas-saħħa kkawżata mill-COVID-19 enfasizzat il-vulnerabbiltà partikolari tat-turiżmu fir-reġjuni insulari, li għandhom riżorsi skarsi;

12. ifakkar lill-Istati Membri u lill-istituzzjonijiet tal-UE dwar l-importanza li **jallokaw biżżejjed riżorsi finanzjarji** biex isalvaw lis-settur kif ukoll jiżviluppaw **politika Ewropea fit-tul dwar it-turiżmu** għal industrija tat-turiżmu ta' kwalità u sostenibbli, abbażi tar-rispett għall-ambjent u l-ġlieda kontra t-tibdil fil-klima;

13. jargumenta li għandha tittieħed azzjoni u għandu jsir approfondiment fit-titjib tal-mudelli attwali tat-turiżmu u t-trasport, billi tkun żgurata s-sostenibbiltà sħiħa tagħhom minn perspettiva soċjali, ekonomika u ambjentali, u jikkunsidra din il-**kriżi bħala xprun għal riflessjoni li tistabbilixxi l-pedamenti futuri tar-reżistenza u s-sostenibbiltà** tas-setturi tat-turiżmu u tat-trasport;

*Dwar l-impatt tal-COVID-19 fuq is-settur tat-turiżmu u tat-trasport fl-Ewropa u r-rispons tal-irkupru u r-reżiljenza tal-UE f'perjodu qasir u medju: il-pakkett tat-turiżmu u t-trasport*

14. jenfasizza li l-UNWTO stmat li t-telf ikkawżat mill-pandemija fl-industrija tat-turiżmu globali fl-ewwel ħames xhur tal-2020 kien diġà qabeż bi tliet darbiet dak irreġistrat fil-kriżi finanzjarja internazzjonali tal-2009 <sup>(1)</sup>;

15. jappella għal koordinazzjoni ikbar **bejn l-Istati Membri** meta jiġu stabbiliti projbizzjonijiet u lockdowns, sabiex jiġi ffaċilitat l-irkuprar tas-settur, titnaqqas il-konfużjoni fost it-turisti u jitħeġġeġ l-ivvjaġġar; jilqa' l-isforzi tal-Kummissjoni Ewropea u ċ-Ċentru Ewropew għall-Prevenzjoni u l-Kontroll tal-Mard li jipprovdu informazzjoni oġġettiva u preċiża dwar l-evoluzzjoni tal-pandemija;

16. jenfasizza l-importanza li, bil-għan li t-turiżmu jirkupra, tiġi adottata strateġija komuni dwar il-mobbiltà tal-persuni fi ħdan l-UE biex titrawwem fiduċja akbar fl-ivvjaġġar, b'mod partikolari permezz tal-ittestjar għall-COVID-19 fil-pajjiż tat-tluq, jiġifieri qabel ma jibda l-vjaġġ, u b'hekk tissaħħaħ is-sigurtà tal-ivvjaġġar u jiġi evitat il-bżonn għal kwarantana;

17. jilqa' b'mod favorevoli **r-rispons rapidu tal-UE biex jiġu salvati t-turiżmu u t-trasport**, u b'mod partikolari l-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni Ewropea dwar "It-turiżmu u t-trasport fl-2020 u lil hinn" u r-rakkomandazzjonijiet u l-linji gwida li jakkumpanjawha – il-pakkett tat-turiżmu u t-trasport. Dawn għenu lill-Istati Membri biex jergħu jistabbilixxu l-moviment liberu sikur u mingħajr restrizzjonijiet u l-ftuħ mill-ġdid tal-fruntieri interni, biex jindirizzaw il-kriżi fil-likwidità u jiksibu lura l-fiduċja tal-konsumaturi;

18. jilqa' wkoll b'mod pożittiv l-approvazzjoni tal-**Qafas Temporanju għall-miżuri ta' għajna mill-Istat** <sup>(2)</sup>, li ppermetta lill-Istati Membri jipprovdu appoġġ akbar lill-kumpaniji; kif ukoll **l-istrument Ewropew il-ġdid għal appoġġ temporanju biex jittaffew ir-riskji ta' qgħad f'emerġenza** <sup>(3)</sup> (SURE), biex jiġi sostnut id-dħul tal-familji u tiġi ppreżervata l-kapaċità produttiva u l-kapital uman tal-kumpaniji u l-ekonomija; REACT-EU <sup>(4)</sup>, li jippermetti lill-awtoritajiet manġerjali jibdlu l-allokkazzjoni tal-Fondi Strutturali u ta' Investiment Ewropej sabiex jiġu indirizzati l-aktar effetti urġenti tal-kriżi; u l-**Fond Ewropew ta' Aġġustament għall-Globalizzazzjoni** għall-benefiċċju tan-nies fis-settur tat-turiżmu li jkun għew imkeċċija bħala konsegwenza tal-kriżi; u proġetti bħall-pjattaforma online "Re-open EU" <sup>(5)</sup>, li toffri informazzjoni aġġornata dwar ir-restrizzjonijiet tal-ivvjaġġar fl-Ewropa, is-saħħa pubblika u l-miżuri ta' sigurtà;

19. japprezza l-isforzi tal-Kummissjoni Ewropea mmirati biex jiffaċilitaw il-fluss ta' **volumi akbar ta' għajna mill-Istat** biex jiġu salvati l-kumpaniji Ewropej, u jipproponi li wħud mir-regoli (inkluża r-regola *de minimis* modifikata) jibqgħu fis-seħħ sakemm ikun meħtieġ fir-reġjuni partikolarment milquta mill-kriżi;

<sup>(1)</sup> <https://www.e-unwto.org/doi/epdf/10.18111/wtobarometereng.2020.18.1.4>

<sup>(2)</sup> [https://ec.europa.eu/competition/state\\_aid/what\\_is\\_new/sa\\_covid19\\_temporary-framework.pdf](https://ec.europa.eu/competition/state_aid/what_is_new/sa_covid19_temporary-framework.pdf)

<sup>(3)</sup> <https://eur-lex.europa.eu/legal-content/MT/TXT/?uri=CELEX%3A52020PC0139>

<sup>(4)</sup> [https://ec.europa.eu/regional\\_policy/sources/docgener/factsheet/2020\\_mff\\_reacteu\\_en.pdf](https://ec.europa.eu/regional_policy/sources/docgener/factsheet/2020_mff_reacteu_en.pdf)

<sup>(5)</sup> <https://reopen.europa.eu/mt>

20. ihegġegħ lill-Istati Membri kollha biex **jużaw it-tipi kollha ta' għajnuna** li huma permessi b'mod temporanju skont il-Qafas biex jissodisfaw il-ħtiġijiet urġenti ta' likwidità u biex ikopru l-ħtiġijiet immedjati tal-kapital operatorju u l-investment, u li jippermettu li jiġu salvati **kumpaniji** li jinsabu fi kriżi akuta minħabba t-tifqigħa tal-COVID-19<sup>(6)</sup>, u b'hekk jingħataw l-opportunità li jadattaw u jiżviluppaw l-attivitajiet tagħhom;

21. jilqa' l-miżuri maqbula mill-Istati Membri tal-UE li huma, fi kliem il-President tal-Kumitat tar-Reġjuni "eżempju ta' solidarjetà"; iqis li huwa essenzjali li l-baġit tal-UE u l-**Pjan ta' Rkupru** jkunu disponibbli malajr għall-bliet u għall-kumpaniji fil-bliet, ir-reġjuni u l-muniċipalitajiet kollha tal-Ewropa biex jiffaċċjaw din il-kriżi mingħajr preċedent;

22. jitlob li jsir xogħol fuq il-ftehim biex tinkiseb sħubija reali bejn il-livelli kollha ta' **governanza**, li tiffavorixxi r-responsabbiltà reċiproka u tiġi evitata ċentralizzazzjoni eċċessiva;

23. jitlob lill-Kummissjoni Ewropea, f'kooperazzjoni mal-Istati Membri, biex tadotta serje ta' linji gwida u listi ta' kontroll (checklists) speċifiċi għall-UE għall-entitajiet lokali u reġjonali biex jagħtuhom **struzzjonijiet fl-ewwel jiem tad-diżastri**, anke qabel l-implimentazzjoni ta' miżuri nazzjonali u tal-UE; josserva li l-linji gwida li jinsabu fil-pakkett tat-turiżmu u t-trasport diġà jikkostitwixxu eżempju eċċellenti ta' referenza;

24. jidentifika l-miżuri tal-**pakkett tat-turiżmu u t-trasport** bħala l-ewwel pass importanti, immirat biex itejjeb il-kapaċità ta' rispons tad-destinazzjonijiet lokali fil-konfront ta' fażijiet ġodda tal-pandemija u fid-dawl ta' diżastri oħra possibbli li jistgħu jkunu ta' sfida għall-irkupru f'das-settur;

25. iqis li minħabba l-pandemija hemm urġenza għal strateġiji ġodda li jappoġġjaw lis-settur tal-ospitalità, tar-ristoranti u tal-catering, u l-iżvilupp ta' attivitajiet turistiċi fil-livell lokali, bħat-turiżmu rurali, il-gastronomija lokali, jew it-tradizzjonijiet lokali. Ix-xejriet inbidlu fuq skala globali, u lokalitajiet turistiċi iżgħar, destinazzjonijiet iżolati, fejn familji u gruppi iżgħar jistgħu jivvjaġġaw b'mod sikur, saru aktar attraenti. Sabiex is-settur tat-turiżmu jissopravvivi fis-sentejn, tliet snin li ġejjin, jeħtieġ li nidderieġu lit-turisti tagħna lejn id-destinazzjonijiet tagħna stess;

26. jenfasizza li **l-ispejjeż minħabba l-miżuri ta' prekawzjoni relatati mal-COVID-19 fit-trasport pubbliku** jistgħu jiġu inkorporati f'kuntratti pubbliċi għal servizzi, biex b'hekk jiġi evitat it-trasferiment ta' piżijiet finanzjarji addizzjonali għolja lill-awtoritajiet tat-trasport, li ħafna drabi jkunu awtoritajiet lokali u reġjonali;

27. jesprimi l-appoġġ tiegħu għall-**implimentazzjoni gradwali tal-eżenzjoni mill-ħtieġa ta' viża** fit-tul sabiex tingħata spinta lill-viżitaturi li jaslu minn pajjiżi terzi u jhegġegħ lit-turisti biex jirritornaw lejn l-Ewropa;

28. jittama li fil-futur kwalunkwe deċiżjoni mill-awtoritajiet nazzjonali dwar il-projbizzjonijiet fuq vjaġġar u għeluq temporanju tal-fruntieri tiġi kkomunikata minn qabel lill-awtoritajiet Ewropej, kif ukoll lir-reġjuni tal-fruntieri, biex tittejjeb il-koordinazzjoni u jiġi żgurat l-aċċess għall-informazzjoni fi żmien opportun;

29. jappoġġja bis-sħiħ il-pjan ta' rkupru għall-Ewropa, biex jgħin fir-riabilitazzjoni tal-ħsara ekonomika u soċjali kkawżata mill-pandemija tal-COVID-19, jagħti bidu għall-irkupru Ewropew u jħares u joħloq l-impjiegi;

*Dwar il-ħtieġa li tittieħed azzjoni biex it-turiżmu jkun aktar sostenibbli*

30. jindika li t-turiżmu kien wieħed mill-industriji li kibru bl-aktar mod mgħaġġel f'dawn l-aħħar snin – tkabbir li wera **d-diffikultajiet li jinkiseb żvilupp bilanċjat** għad-dimensjonijiet ekonomiċi, ambjentali u soċjali tas-**sostenibbiltà**;

31. jilqa' l-Komunikazzjonijiet tal-Kummissjoni dwar "L-Ewropa, l-ewwel destinazzjoni turistika fid-dinja: qafas politiku ġdid għat-turiżmu Ewropew" (2010) u "Strateġija Ewropea għal aktar Tkabbir Ekonomiku u Impjiegi fit-Turiżmu Marittimu u Kostali" (2014);

32. jirrimarka li t-turiżmu issa qed jiffaċċja **sfidi ġodda b'impatt kbir li se jkollu jindirizzahom**, bħat-tibdil fil-klima, iż-żieda fil-konġestjoni, il-pressjoni eċċessiva fuq l-infrastruttura u l-konsum tal-ilma u l-enerġija, u d-degradazzjoni ambjentali, li jridu jiġu indirizzati b'mod urġenti u primarjament kif ukoll it-telf tal-identità u r-rispett għall-awtentività tal-komunitajiet lokali;

<sup>(6)</sup> <https://eur-lex.europa.eu/legal-content/MT/TXT/?qid=1587137448000&uri=CELEX:52020DC0112>

33. isostni li t-turiżmu jista' jkun attività li tintuża bħala mudell fit-tranżizzjoni ekoloġika sostenibbli prevista mill-Patt Ekoloġiku, u jemmaen li l-Ewropa tista' ssir l-ewwel kontinent newtrali għall-klima sal-2050, permezz tal-proċessi ta' adattament ekonomiku għall-era diġitali u bil-promozzjoni tal-ugwaljanza u l-inklużjoni soċjali, u jħeġġeġ bil-qawwa lill-istituzzjonijiet tal-UE u lill-Istati Membri biex jieħdu l-mezzi meħtieġa biex jilhqqu dawn l-għanijiet;

34. jirrikonoxxi li dawn l-oġġettivi jintlaħqu biss jekk ikunu stabbiliti fuq bażi soda li tiddefinixxi b'mod preċiż il-kamp ta' ambitu, l-obbligi u l-implikazzjonijiet li jinvolvu l-implimentazzjoni ta' żvilupp tassew sostenibbli f'dan is-settur, bl-impenn sod li tiġi żgurata l-implimentazzjoni;

*Dwar modi ta' trasport għall-ivvjaġġar*

35. jinnota li t-**turiżmu** huwa katina ta' valur kumplessa magħmula minn bosta partijiet interessati b'**rabta diretta mal-attivitajiet tat-trasport tal-passiġġieri**;

36. ifakkar fil-ħtieġa għall-progress fl-industrija tat-turiżmu biex l-ekonomija ċirkolari tat-turiżmu ssir realtà;

37. josserva li l-previżjonijiet tal-UNWTO u l-Forum Internazzjonali tat-Trasport jindikaw żieda fl-emissjonijiet tal-karbonju marbuta mat-trasport relatat mat-turiżmu ta' madwar 25 % sal-2030;

38. jirrikonoxxi, għalhekk, il-ħtieġa li jiġu studjati, stabbiliti jew implimentati modi kif tissaħħaħ il-konnettività tal-bliet u r-reġjuni tal-Ewropa, li jiġu appoġġjati għażliet li jniġġsu inqas u li jiġi esplorat titjib fl-intermodalità f'konformità mal-oġġettivi finali tal-Patt Ekoloġiku. Għalhekk jilqa' b'sodisfazzjon l-**Istrateġija għal Mobilità Sostenibbli u Intelliġenti** mmedija mill-Kummissjoni Ewropea fl-2020;

39. iħeġġeġ bil-qawwa li l-Istati Membri tal-UE jingħaqdu b'mod urġenti biex jindirizzaw in-nuqqas ta' alternattivi tat-trasport sostenibbli u jinvestu fl-iżvilupp u t-tiħih ta' rotot ferrovjarji fuq distanza twila, b'mod partikolari l-ferroviji ta' billejl, billi jagħmlu l-ivvjaġġar b'emissjonijiet baxxi tal-karbonju għażla aktar attraenti;

40. jappoġġja **r-rabta tal-għajnuna pubblika lil-linji tal-ajru** ma' impenji min-naħa ta' dawn il-linji tal-ajru biex jintlaħqu l-oġġettivi ta' **tnaqqis tal-emissjonijiet tas-sustanzi li jniġġsu**;

41. jafferma li dan l-istess impenn għandu jiġi promoss **fil-modi differenti ta' trasport**, kemm fit-trasport bit-triq kif ukoll fit-trasport marittimu, b'attenzjoni partikolari għall-kruċieri, minħabba l-impatt ambjentali għoli tagħhom;

42. jiddispjaċih dwar in-nuqqas ta' **appoġġ għat-trasport bix-xarabank u bil-ferrovija** (modi ewlenin għat-trasport lokali u reġjonali) meta mqabbel mal-avjazzjoni, li jpoġġi aktar pressjoni fuq il-finanzjament tal-modi ta' trasport aktar sostenibbli, u jitlob għal impenn qawwi biex jiżdieđu l-oportunitajiet ta' mobilità sostenibbli fl-Ewropa permezz tat-trasport ferrovjarju, u jfakkar li l-Kummissjoni Ewropea tidentifika t-**titjib tal-kontribut tas-settur ferrovjarju għat-turiżmu sostenibbli** fl-UE bħala oġġettiv għall-2021;

43. jiġbed l-attenzjoni għall-importanza li, meta jiġu implimentati l-miżuri futuri relatati mal-emissjonijiet tas-CO<sub>2</sub> fit-trasport bl-ajru u marittimu previsti fil-Patt Ekoloġiku Ewropew u fl-Istrateġija l-ġdida għal Mobilità Sostenibbli, titwettaq valutazzjoni tal-impatt tagħhom fir-reġjuni ultraperiferiċi tal-UE, li l-koeżjoni ekonomika u soċjali tagħhom, kemm għall-mobilità taċ-ċittadini tagħhom kif ukoll għall-iżvilupp tal-attività ekonomika tagħhom, tiddependi ħafna mit-trasport bl-ajru u marittimu;

44. jenfasizza l-ħtieġa għal **appoġġ finanzjarju sabiex l-operaturi tat-trasport pubbliku**, li esperjenzaw tnaqqis drammatiku fl-introjt, jistgħu jiżviluppaw flotta tat-trasport aktar sostenibbli b'vetturi b'emissjonijiet ta' livell zero u baxxi;

45. jesprimi l-interess tiegħu li jaħdem fuq **inizjattivi li jgħaqqu l-ivvjaġġar bil-ferrovija mal-iskoperta kulturali u t-turiżmu** fil-perjodu ta' wara l-kriżi, jiżviluppa l-iskema #DiscoverEU u jaħdem mill-qrib ma' rappreżentanti mir-reġjuni tal-UE sabiex jiġu promossi l-oportunitajiet għat-turiżmu bil-ferrovija matul u lil hinn mis-Sena Ewropea tal-Ferroviji (2021);

46. jirrimarka l-importanza li l-**EuroVelo** (?) **tiġi rikonossuta bħala TEN-T ieħor** (Network Trans-Ewropew tat-Trasport) minbarra n-networks eżistenti ta' toroq, ferroviji jew ilmijiet navigabbli interni, li jwassal għal infrastruttura għaċ-ċiklisti aktar sikura, diretta, koerenti u konnessa, għall-benefiċċju tal-kategoriji kollha taċ-ċiklisti u jagħti spinta addizzjonali sinifikanti lit-turiżmu taċ-ċikliżmu;

(?) Network Ewropew ta' 17-il rotta ta' ċikliżmu fuq distanza twila li jaqsmu u jgħaqqu l-kontinent kollu.

*Dwar ir-riperkussjonijiet fuq l-ambjent naturali*

47. jesprimi t-tħassib tiegħu li t-tiħin globali jista' jnaqqas l-attrazzjoni jew saħansitra jhedded il-mezzi ta' għajxien ta' ċerti destinazzjonijiet turistiċi u jafferma mill-ġdid id-determinazzjoni tiegħu fil-**għieda kontra t-tibdil fil-klima** b'mod f'waqtu u skont l-aħħar xjenza bil-firxa ta' inizjattivi u miżuri ta' politika stabbiliti fl-Opinjoni tal-Kumitat Ewropew tar-Reġjuni;

48. ifakkar li din il-għieda ser tkun kruċjali għad-destin ta' bosta reġjuni kostali u insulari minħabba l-livell tal-baħar dejjem jogħla, għall-istazzjonijiet tal-iskijjar affettwati minn nuqqas ta' borra, u għar-reġjuni milquta minn nirien fil-foresti, għargħar jew tempesti qawwija tas-silġ<sup>(8)</sup>;

49. iqis li t-turiżmu jista' jikkontribwixxi b'mod konsiderevoli għall-ambizzjoni Ewropea għal **ekonomija ċirkolari** u jinsisti li r-reġjuni u l-bliet għandhom ikunu parti mid-dibattitu dwar il-mod kif għandha tiġi promossa l-aġenda fuq il-post;

50. jirrakkomanda li l-industrija tat-turiżmu u t-trasport ittejjeb l-offerta ta' **prodotti newtrali għall-klima** permezz tal-użu ta' enerġija nadifa, inqas sustanzi kimiċi li jagħmlu ħsara, inqas użu tal-plastik, il-proċessi ta' riċiklaġġ tal-ilma tax-xita u dak domestiku mormi<sup>(9)</sup> li jnaqqsu b'mod konsiderevoli d-domanda għall-ilma tax-xorb min-network tal-provvista, u r-riċiklaġġ tal-iskart, u li dawn is-sistemi jintużaw b'mod aktar sistematiku;

51. jiġbed l-attenzjoni għall-ħtieġa li jkun hemm **aktar appoġġ għat-turiżmu taċ-ċikliżmu**, li jgħib miegħu benefiċċji għall-ekonomiji lokali meta jsiru żjarat f'żoni li normalment wieħed ma jżurx fit-turiżmu konvenzjonali u meta jintużaw kumpaniji u servizzi lokali; barra minn hekk, l-infrastruttura meħtieġa għal dan hija ta' benefiċċju għar-residenti lokali b'aktar konnettività li tgħin biex tiġi żgurata s-sostenibbiltà fit-tul tal-komunitajiet lokali;

52. jappoġġja l-kontinwazzjoni tal-grupp ta' ħidma tad-DĠ MARE-European Boating Industry dwar it-tmiem tal-ħajja tal-vapuri biex jiġi żviluppat pjan direzzjonali komuni tal-UE dwar ir-riċerka u l-innovazzjoni biex jiżded ir-riċiklaġġ tal-materjal għall-bini tal-vapuri;

53. jiġbed l-attenzjoni għall-importanza li jiġi promoss turiżmu marittimu kostali sostenibbli li fih jissaħħu l-attivitajiet biex jiġi interpretat u ppreservat l-ambjent tal-baħar. Barra minn hekk, jidentifika potenzjal kbir **fin-navigazzjoni, l-isports bir-riħ u l-mewġ, l-għadis u b'mod ġenerali l-isport akkwatiku** għax-xjenza, l-għarfien ambjentali, il-kartografija tal-oċeani u l-investigazzjoni dwar kwistjonijiet ambjentali;

54. jenfasizza l-**importanza tat-turiżmu għall-iżvilupp rurali**, li m'għandux jibqa' jiġi interpretat b'mod esklużiv f'termini ta' żvilupp agrikolu, iżda bħala xprun għall-progress ta' żoni rurali inqas żviluppati, b'art agrikola li hija marġinali u bi produttività baxxa iżda li hija ta' valur enormi għall-ambjent u l-pajsaġġ u għall-protezzjoni tal-bijodiversità; għalhekk l-istituzzjonijiet Ewropej għandhom jagħmlu l-almu tagħhom biex jinkludu t-turiżmu u l-opportunitajiet tiegħu fl-Istrateġija għall-Bijodiversità, l-Istrateġija "Mill-Għalqa sal-Platt", il-Politika Agrikola Komuni ġdida u n-Network Natura 2000 kif ukoll fil-viżjoni fit-tul għaż-żoni rurali;

55. iqis li huwa importanti li jiġi promoss turiżmu aktar sostenibbli u b'valur miżjud akbar għar-reġjuni billi jiġu inkorporati prodotti mingħajr kilometri fit-turiżmu, u jemmen li jeħtieġ li jiġu promossi ż-żoni naturali u protetti u l-potenzjal tas-sema bħala riżorsa turistika (astroturiżmu);

56. jindika l-importanza li jintużaw it-teknoloġiji diġitali bbażati fuq il-5G, l-Internet tal-Oġetti, l-intelliġenża artifiċjali u l-Big Data biex jiġu pprovduti servizzi tat-turiżmu intelliġenti innovattivi, sostenibbli u skalabbli, b'valur miżjud għoli, li kapaċi jippromovu mudelli ġodda tat-turiżmu, aktar effiċjenti, aċċessibbli u inklużivi, estiżi għar-reġjuni kollha u b'enfasi speċjali fuq iż-żoni rurali, kif ukoll l-importanza li jkun hemm teknoloġiji tat-telekomunikazzjoni li jipprovdu konnettività adegwata f'dawn iż-żoni;

*Dwar ir-riperkussjonijiet soċjali u ekonomiċi u l-ħtieġa li jiġi evitat li t-turiżmu jitqies bħala problema*

57. ifakkar li t-turiżmu, u b'mod partikolari **t-turiżmu eċċessiv** (li jaqbeż il-limiti tal-kapaċità fiżika, ekoloġika, soċjali, ekonomika, psikoloġika u/jew politika tad-destinazzjonijiet<sup>(10)</sup>), bħall-attivitajiet kollha tal-bniedem, jiġġenera impatt fuq l-ambjent soċjali fejn isseħħ l-attività;

<sup>(8)</sup> [https://www.europarl.europa.eu/thinktank/en/document.html?reference=EPRS\\_BRI\(2017\)603932](https://www.europarl.europa.eu/thinktank/en/document.html?reference=EPRS_BRI(2017)603932)

<sup>(9)</sup> <https://ec.europa.eu/environment/emas/takeagreenstep/pdf/BEMP-5.7-FINAL.pdf>

<sup>(10)</sup> Studju reċenti tal-Parlament Ewropew identifika 105 destinazzjonijiet fl-Unjoni Ewropea li kienu friskju ta' turiżmu eċċessiv; ara: [https://www.europarl.europa.eu/RegData/etudes/STUD/2018/629184/IPOL\\_STU\(2018\)629184\\_EN.pdf](https://www.europarl.europa.eu/RegData/etudes/STUD/2018/629184/IPOL_STU(2018)629184_EN.pdf)



58. jenfasizza l-ħtieġa li jiġu evitati l-effetti negattivi tat-turiżmu eċċessiv, li jwasslu għal żieda fil-konġestjoni, pressjonijiet fuq l-infrastruttura, domanda dejjem tikber għall-enerġija u l-ilma, degradazzjoni ambjentali, ħsara lis-siti u monumenti storiċi, telf tal-identità u l-awtentiċità, u żieda fl-għoli tal-ħajja għar-residenti lokali, flimkien mal-inugwaljanza dejjem tikber ta' bejniethom; huwa tal-fehma li l-miżuri u l-inizjattivi għandhom jiġu kkunsidrati b'mod urġenti mill-istituzzjonijiet tal-UE u mill-Istati Membri biex jiġi evitat l-impatt negattiv tat-turiżmu eċċessiv;

59. jišhaq li l-promozzjoni u l-iżvilupp tat-turiżmu fiż-żoni rurali jistgħu jkunu sors ta' żvilupp ekonomiku u ħolqien tal-ġid, li jgħinu biex jattiraw lin-nies jew iwaqqfu t-tnaqqis fil-popolazzjoni fiż-żoni affettwati mid-depopolazzjoni;

60. jirrakkomanda li jiġu implimentati politiki għall-promozzjoni u t-tiġid tal-pożizzjoni tan-nisa. In-nisa għandhom rwol ewleni fiż-żamma tan-negozji fis-settur tat-turiżmu, peress li huma l-atturi ewlenin fil-ġlieda kontra d-depopolazzjoni. L-iżgurar tal-impjegabbiltà tagħhom huwa garanzija biex il-popolazzjoni tibqa' fejn hi. Għalhekk għandhom jiġu vvalutati l-ħtieġijiet tagħhom u jingħataw għodod biex jibnu l-kapaċità tagħhom u jsiru kompetittivi permezz ta' taħriġ apposta;

61. jirrimarka li xi mudelli tat-turiżmu bbażati fuq l-użu intensiv ta' mezzi ta' trasport bi prezz baxx u ċaqliq massiv ta' vjaġġaturi jiffavorixxu t-turiżmu eċċessiv; fl-istess ħin, il-midja soċjali u l-pjattaformi għal skambji bejn il-pari jistgħu jgħolqu pubbliċità eżaġerata ta' ċerti destinazzjonijiet; għalhekk jappella għal diskussjonijiet dwar iż-żieda u l-kwalità tat-turiżmu;

62. jidentifika d-Dikjarazzjoni ta' Barcellona tan-NECSTouR **"Postijiet aħjar fejn toqgħod, postijiet aħjar biex iżżur"** bħala punt ta' referenza biex turi li s-setturi tat-turiżmu u tal-wirt kulturali, kemm ta' għajnejha kif ukoll intanġibbli, jistgħu jaħdmu mill-qrib għall-benefiċċju taċ-ċittadini Ewropej u tal-wirt kulturali;

63. jirrimarka li **t-turiżmu għandu jitqies bħala parti mis-soluzzjoni u mhux bħala l-problema**, u għalhekk jidentifika l-ħtieġa li jiġu fformulati proposti għal azzjonijiet ġodda, differenti minn dawk li diġà qegħdin joperaw, u li tingħata spinta aktar deċiżiva lil dawk li qegħdin jiffunzjonaw, sabiex tiġi enfasizzata l-ħtieġa li jiġu rregolati l-forom ġodda tat-turiżmu u l-pjattaformi tal-ekonomija kollaborattiva skont il-kriterji ta' kompetizzjoni ġusta, jissaħħu s-sistemi ta' kontroll u spezzjoni u tiġi garantita l-kwalità u l-legalità tas-servizzi pprovduti f'qafas komuni ta' kompetizzjoni kummerċjali ħielsa, filwaqt li jitħarsu l-wirt, il-kultura, l-identità u l-kwalità tal-ħajja tal-popolazzjoni residenti;

64. jirrimarka, f'dan ir-rigward, il-benefiċċji tat-**tixrid tal-aħjar Prattiki, strateġji u metodoloġji fit-turiżmu sostenibbli** żviluppatti fil-programmi differenti Ewropej bħal PANORAMED, proġetti orizzontali MED, MITOMED+ u WINTERMED, biex jipromovu l-kapitalizzazzjoni u r-replikabbiltà tagħhom;

65. jipproponi, għaldaqstant, li **l-Premju tal-Belt Kapitali Ewropea għat-Turiżmu Intelliġenti** għandu jibqa' jingħata;

*Dwar id-diġitalizzazzjoni u d-data u l-vantaġġi tagħhom biex tiġi stabbilita sistema ta' monitoraġġ u traċċabbiltà tal-azzjonijiet*

66. jenfasizza **l-bidliet importanti fil-mezzi ta' distribuzzjoni u fil-mod kif jiġi kkunsmat it-turiżmu**, li jpermettew lil ħafna kumpaniji jilhq u l-klijenti tagħhom direttament, opportunità li ma ġietx sfruttata biżżejjed mill-kumpaniji ż-żgħar;

67. jenfasizza **l-informazzjoni bħala materja prima** fundamentali għat-turiżmu, li qiegħda tintuża mill-aktar inizjattivi innovattivi f'dan is-settur;

68. jidentifika l-importanza tal-inizjattiva tal-UNWTO **Lejn qafas statistiku biex jitkejjel it-turiżmu sostenibbli** <sup>(11)</sup>, inklużi d-dimensjonijiet ekonomiċi, soċjali u ambjentali;

69. jissottolinja li fir-rigward tad-data, il-livell tad-dettall, il-kwalità, l-interpretazzjoni u l-użu korrett tagħha ser ikollhom **impatt dirett fuq l-effettività tal-azzjonijiet politiċi** biex jiffaċċjaw il-kriżi tal-COVID-19 u fit-tfittxija għal Ewropa newtrali għall-klima;

<sup>(11)</sup> <https://www.unwto.org/Measuring-Sustainability-Tourism>

70. jinsab imħasseb dwar **in-nuqqas ta' armonizzazzjoni u l-frammentazzjoni tad-data** rigward l-impatt ekonomiku tat-turiżmu, sitwazzjoni li ddgħajef it-teħid ta' deċiżjonijiet fl-appoġġ tas-settur tat-turiżmu u t-trasport;

71. jenfasizza li d-data uffiċjali ma tistax tipproduċi informazzjoni malajr biżżejjed biex tlaħħaq mas-sitwazzjoni attwali, u għalhekk **ir-reġjuni u l-bliet kellhom jimplementaw mekkaniżmi oħra ta' kejl** li għadhom mhumiex integrati fid-data uffiċjali;

72. jilqa' l-fatt li f'Marzu 2020 il-Kummissjoni Ewropea laqget **ftehim mal-pjattaformi tal-ekonomija kollaborattiva** <sup>(12)</sup> biex tippubblika data ewlenija dwar l-akkomodazzjoni turistika, u jinkoraġġixxi lill-Kummissjoni Ewropea biex b'mod konġunt tesplora indikaturi sabiex jiġu definiti strateġiji ta' rkupru għall-benefiċċju tas-settur tat-turiżmu;

73. ifakkar li l-pjattaformi tal-ekonomija kollaborattiva qed iżidu l-ispejjeż tal-akkomodazzjoni lokali billi jibdlu d-destinazzjoni tad-djar, minn dawk li jservu r-residenti lokali għal dawk li jservu lill-vjaġġaturi. Minkejja d-deċiżjoni tal-Qorti Ewropea tal-Ġustizzja, il-pjattaformi tal-ekonomija kollaborattiva mhumiex sempliċement fornituri ta' informazzjoni. Għalhekk, jistieden lill-Kummissjoni Ewropea tilleġiżla biex tagħti l-possibbiltà lill-awtoritajiet reġjonali u lokali jirregolaw l-attivitajiet ta' pjattaformi bħal dawn fit-territorji tagħhom biex jiżguraw li jikkonformaw mal-istess regoli amministrattivi li jikkonċernaw il-kiri matul ix-xhur tas-sajf meta mqabbla ma' partijiet interessati aktar tradizzjonali;

74. jirrimarka l-ħtieġa li jiġu stabbiliti **għodod standardizzati** li jstgħu jiggwidaw il-bliet, ir-reġjuni u s-settur kummerċjali fit-tfittxija tagħhom għal politiki aktar sostenibbli, li huma integrati fil-programm statistiku Ewropew il-ġdid u li jsaħħu **l-monitoraġġ ekonomiku, soċjali u ambjentali tat-turiżmu**; jenfasizza l-ħtieġa li tiġi ffaċilitata l-aċċessibbiltà għad-data, li jissaħħu l-aġġornament u l-interkonnessjoni ta' tali data u li tiġi pprovduta sistema ta' mappjar armonizzata;

75. jirrakkomanda li jiġi definit qafas legali biex jiġu prodotti u ppubblikati **Kontijiet Satelliiti tat-Turiżmu** f'kull wieħed mill-Istati Membri tal-UE;

76. jappella għal għbir aħjar ta' data, **fil-livell ta' NUTS 3**, dwar in-numru ta' turisti u eskursionisti, dwar forom oħra ta' akkomodazzjoni u dwar it-tip ta' trasport, u bi tqassim skont ir-reġjuni u d-destinazzjonijiet lokali prinċipali tal-istatistika tal-akkomodazzjoni;

77. jirrakkomanda li tiġi implimentata sistema ta' kejl għall-monitoraġġ tal-konsum tal-ilma u l-ġenerazzjoni ta' emissjonijiet għas-settur tat-turiżmu, inklużi l-industrija tat-turiżmu u l-prodotti karatteristiċi tagħha, **fil-kontijiet statistiċi tal-ilma, l-arja u l-enerġija**;

78. jinkoraġġixxi lill-Eurostat biex ikompli jesplora **l-big data bħala sors** għall-istatistika tat-turiżmu, filwaqt li jikkunsidra l-isfidi relatati mal-għbir, l-indipendenza, il-fiducia, l-aċċess, il-kwalità u d-disponibbiltà matul iż-żmien;

79. jitlob li **tiġi analizzata l-problema tat-turiżmu eċċessiv** permezz tal-inklużjoni ta' data kwalitattiva dwar l-attitudni tar-residenti lejn it-turiżmu fl-istudji dwar id-dħul u l-kundizzjonijiet tal-ħajja, fl-istimi rapidi tal-impatt tat-turiżmu u fir-rapport "Il-kwalità tal-ħajja fil-bliet Ewropej" li sar mill-Kummissjoni Ewropea;

80. jirrakkomanda li titkompla l-promozzjoni ta' azzjonijiet li jsfruttaw u jottimizzaw ix-xogħol kbir li sar f'dawn l-aħħar snin mill-Kummissjoni Ewropea, bħas-**sistema ta' indikaturi** ETIS, jew il-**Pjattaforma S3** <sup>(13)</sup> għad-diġitalizzazzjoni u s-sigurtà għat-turiżmu u t-**Tourism of Tomorrow Lab**;

81. iħeġġeġ lill-Kummissjoni Ewropea u lill-Parlament Ewropew biex fil-**programm statistiku Ewropew** li jmiss jinkludu sistemi u għodod aktar immirati lejn il-bżonnijiet speċifiċi tar-reġjuni u l-bliet, li jippermettu t-traċċabbiltà adegwata tal-politiki tat-turiżmu implimentati;

*Dwar il-ħtieġa għal rikonoxximent ġdid tat-turiżmu bħala politika fundamentali tal-UE f'konformità mal-kontribut u l-potenzjal ta' tkabbir tat-turiżmu u biex dan il-qasam juri iktar impenn għall-iżvilupp sostenibbli*

82. jesprimi x-xewqa tiegħu li l-kriżi attwali tkun sejħa għal azzjoni li tinkoraġġixxi lill-Kummissjoni Ewropea biex tippattika politika tat-turiżmu aktar ambizzjuża għall-Ewropa fil-livell ambjentali, ekonomiku u soċjali;

<sup>(12)</sup> [https://ec.europa.eu/commission/presscorner/detail/mt/IP\\_20\\_194](https://ec.europa.eu/commission/presscorner/detail/mt/IP_20_194)

<sup>(13)</sup> <https://s3platform.jrc.ec.europa.eu/tourism>

83. jilqa' b'sodisfazzjon l-inizjattiva tal-Kummissjoni Ewropea biex torganizza **Konvenzjoni Ewropea dwar it-Turiżmu** sabiex tiżviluppa pjan direzzjonali għall-2050 lejn ekosistema turistika Ewropea sostenibbli, innovattiva u reżiljenti (Aġenda Ewropea għat-Turiżmu 2050) li fiha r-reġjuni jipparteċipaw b'mod attiv;
84. juri r-rieda tiegħu biex jorganizza **konferenza tal-partijiet interessati li fiha jipparteċipaw korpi pubbliċi u privati**, biex jaqsmu l-esperjenza relatata mal-perkors lejn l-irkupru magħżula mid-destinazzjonijiet differenti u l-forma li t-turiżmu tal-UE ser jaddotta fil-futur;
85. jittama li l-Kumitat għat-Trasport u t-Turiżmu tal-Parlament Ewropew jgħaqqad l-isforzi tiegħu ma' dawk meħuda mill-KtR fit-tfittxija għal **politika tat-turiżmu soda fl-UE**;
86. jipproponi **sessjoni konġunta tal-Kumitat għat-Trasport u t-Turiżmu tal-Parlament Ewropew u tal-Kummissjoni NAT tal-KtR** biex jiġi diskuss il-futur tal-politika tat-turiżmu fl-UE wara l-kriżi tal-COVID-19 u b'rabta mad-diskussjonijiet dwar il-qafas finanzjarju pluriennali għall-perjodu 2021-2027;
87. jistenna bil-ħerqa kollaborazzjoni mill-qrib mat-**Task Force għat-Turiżmu tal-Parlament Ewropew** u jitlob li jkun assoċjat bis-sħiħ ma' dan it-Task Force sabiex ikun il-vuċi tal-livell lokali u reġjonali fid-diskussjonijiet tiegħu;
88. itenni l-importanza li l-Istati Membri u l-awtoritajiet reġjonali tagħhom jinkludu l-prijoritajiet tat-turiżmu fil-**programmi operattivi** tagħhom wara l-2020, sabiex jiffavorixxu l-aċċess għall-finanzjament Ewropew biex jiġu ffinanzjati l-proġetti tat-turiżmu;
89. jirrimarka li l-**mekkaniżmu ta' finanzjament attwali huwa diffiċli jiġi aċċessat mill-SMEs u d-destinazzjonijiet u jipproponi l-ħolqien ta' għodod konkreti** (punt ta' kuntatt uniku jew għodda online), marbuta mal-awtoritajiet tal-ġestjoni tal-fondi Ewropej, li jiffaċilitaw l-applikazzjoni u l-ipproċessar;
90. jirrakkomanda li l-Kumitat Ewropew tar-Reġjuni jsaħħaħ **il-kooperazzjoni tiegħu mal-UNWTO** permezz ta' memorandum ta' qbil u l-iżvilupp ta' pjani ta' azzjoni konġunti;
91. jistieden lill-Kunsill jinkludi l-Kumitat Ewropew tar-Reġjuni u l-awtoritajiet lokali u reġjonali tiegħu fil-**gruppi ta' ħidma u laqgħat tal-Kunsill** relatati mat-turiżmu;
92. jipproponi li jtfassal **Qafas Ewropew għid għal Turiżmu Sostenibbli**, allinjat mal-Patt Ekoloġiku u l-Aġenda 2030 tan-Nazzjonijiet Uniti, li jqis l-istrateġiji reġjonali rilevanti u jintegra l-politiki diversi li l-UE qed tiżviluppa u ssegwi f'dan il-qasam, bħall-appoġġ għad-diġitalizzazzjoni tas-settur, il-promozzjoni tad-destinazzjonijiet turistiċi intelliġenti, id-dekarbonizzazzjoni tal-attività, il-promozzjoni tal-ekonomija ċirkolari, l-ispinta lit-turiżmu inklużiv u aċċessibbli, it-trażżin tad-depopolazzjoni rurali, it-titjib tal-governanza parteċipattiva u s-sħubijiet pubbliċi-privati;
93. jitlob lill-Kummissjoni Ewropea tanalizza l-ħolqien ta' **direttorat ġenerali ddedikat esklużivament għat-turiżmu sostenibbli**, kif ukoll biex tittrasferixxi l-istess interess lill-Parlament Ewropew, sabiex dan jikkunsidra joħloq kumitat parlamentari speċjali ċċentrat fuq is-sostenibbiltà tat-turiżmu.

Brussell, l-10 ta' Diċembru 2020.

*Il-President*  
tal-Kumitat Ewropew tar-Reġjuni  
Apostolos TZITZIKOSTAS